# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**ħmistax (15) ta' Jannar 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1751/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Carmelo Camilleri (ID 321351M)**
**Emmanuela Mallia (ID 388945M)**
**Catherine Borg (311055M)**
**Nazzareno sive Reno Sacco (ID 328952M)**
**Josephine Sacco (ID 678353M)**

**Vs**

**Anthony Camilleri (ID 171354M)**
**Raymond Cassar (ID 809958M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu illi, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tiegħu, iżomm lill-intimati milli:-

    1. *Jagħmlu kwalunkwe tip ta' modifika strutturali, jew jibnu kwalsiasi tip ta' struttura, inkluż lift shaft, jew jinstallaw kwalunkwe tip ta' installazzjoni, inkluż lift, fl-intrata u/jew fit-tromba tat-taraġ prinċipali tal-blokka ta' appartamenti 126 "Micar Flats", Triq il-Qrendi, Żurrieq;*

2. *Jinstallaw kwalunkwe tip ta' arloġġ ta' l-elettriku u/jew ta' l-ilma jew kwalunkwe katusa jew pajp jew conduits jew wiring ġodda jew addizzjonali fl-intrata u/jew fit-tromba tat-taraġ prinċipali tal-blokka ta' appartamenti 126 "Micar Flats" Triq il-Qrendi, Żurrieq;*

3. *Jikkomunikaw bi kwalunkwe mod servizzi ġodda jew addizzjonali mal-katusi, pajpijiet, conduits jew wiring ġia eżistenti fil-blokka ta' appartamenti 126 "Micar Flats", Triq il-Qrendi, Żurrieq;*

4. *Jiftħu kwalunkwe tip ta' apertura ġdida, inkluż bibien u/jew twieqi, li jkunu jagħtu għall-indani, bokka tat-tromba tat-taraġ prinċipali, xaftijiet interni u/jew btieħi interni jew ta' wara tal-blokka ta' appartamenti 126 "Micar Flats", Triq il-Qrendi, Żurrieq;*

5. *Jibnu sular jew sulari addizzjonali, kmamar jew strutturi oħra fuq l-arja tal-blokka ta' appartamenti 126 "Micar Flats", Triq il-Qrendi, Żurrieq jew parti minnha skond il-permessi eżistenti;*

6. *Jagħtu aċċess lil terzi, inkluż bennejja, periti, kuntratturi, u/jew xerrejja jew kerrejja prospettivi, għall-entrata u/jew għat-tromba tat-taraġ prinċipali tal-blokka ta' appartamenti 126 "Micar Flats", Triq il-Qrendi, Żurrieq;*

*U dan għar-raġunijiet segwenti:*

i. *Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tat-terrani u l-garaxxijiet bin-numru 122, 124, 128 u 130 Triq il-Qrendi Żurrieq, u ta' l-appartamenti internament immarkati bin-numru 1 u 2 tal-blokka ta' appartamenti 126 "Micar Flats", Triq il-Qrendi, Żurrieq, sovvrapposta għat-terrani u garaxxijiet imsemmija; l-intimati huma rispettivament proprjetarji ta' l-appartamenti internament immarkati 3 u 4 ta' l-istess blokka;*

ii. *Illi l-fondi msemmija nbnew fuq porzjon art oriġinarjament appartenenti lil Carmela Camilleri, omm il-maġġor parti tal-partijiet (ir-rikorrenti Sacco biss xtraw mingħand waħda mill-aħwa,'il-partijiet kollha l-oħra huma aħwa); hija qasmet l-art u l-arjiet li fuqhom inbnew il-fondi msemmija bejn sitta minn uliedha billi, permezz tal-kuntratti annessi, bdiet billi qasmet l-art f'żewġ porzjonijiet ugwali ta' 80 qasba kwadra ċirka l-waħda u kkonċediethom b'ċens perpetwu lil Carmelo Camilleri u lil Emanuela Camilleri (illum miżżewwġa Mallia) rispettivament, filwaqt illi żammet il-bjut tat-terrani li kellhom jinbnew, għalkemm minn imkien ma jirriżulta li rriservat l-art li fuqha eventwalment inbniet l-entrata u t-tromba tat-taraġ; sussegwentement, hija ikkonċediet l-arja tal-bjut tat-terrani, kull arja tal-kejl ta' 51 qasba kwadra ċirka, lil uliedha Catherine (illum Borg) u Grace Camilleri (li sussegwentement biegħet lill-konjugi Sacco), bi dritt ta' aċċess minn ġo l-entrata u t-tromba tat-taraġ li fil-frattemp kienu nbnew fuq l-art konċessa lil Carmelo u lil Emanuela, bir-riżerva tal-bjut tal-mezzanini ossija appartamenti li kellhom jinbnew minn Catherine u Grace; finalment, Carmela kkonċediet lil uliedha Anthony Camilleri u Rita Camilleri (li sussegwentement iżżewwġet lill-intimat Cassar u mal-mewt tagħha ħallietu eredi universali) l-arja tal-bjut tal-mezzanini, tal-kejl rispettiv ta' 47 u 51 qasba kwadra ċirka;*

*f'dawn l-aħħar kuntratti ma saritx riżerva ta' l-arja tal-bejt, billi dak iż-żmien ma kinux jingħataw permessi għal sulari oħra, u għal din ir-raġuni l-intimati qed jivvantaw id-dritt li jibnu sulari addizzjonali meta dan mhuwiex previst fil-kuntratti tagħhom;*

iii. *Illi sfortunatament, il-kuntratti ma humiex ċari fid-diċitura tagħhom dwar il-proprjeta' ta' l-entrata u tat-tromba tat-taraġ; mill-kejl jidher illi nbnew fuq l-art diġa' konċessa għall-bini tat-terrani, b'mod illi jidher prima facie li jappartjenu lil Carmelo Camilleri u lil Emanuela Mallia; mill-banda l-oħra sussegwentement ingħata dritt ta' aċċess lill-appartamenti sovrastanti u hemm anke fejn jissemma li taraġ huwa komuni; u minħabba f'hekk, qed tiġi intavolata kontestwalment kawża sabiex jiġu definiti l-linji diviżorji u d-drittijiet ta' kull proprjetarju fil-blokka; li hu żgur, pero', huwa li l-ebda wieħed mill-intimati ma akkwista proprjeta' esklussiva tat-tromba tat-taraġ jew id-dritt li unilateralment jagħmel tibdil fl-imsemmija entrata u tromba tat-taraġ jew li jiftaħ aperturi ġodda għall-istess jew għall-btieħi jew li jinstalla jew jikkomunika servizzi addizzjonali fuq partijiet mhux konċessi lilhom;*

iv. *Illi minkejja dan, l-intimati talbu u ottjenew permessi ta' żvilupp sabiex jibnu sulari addizzjonali, jibnu lift shaft u jinstallaw lift, u jiftħu aperturi ġodda, u nonostante diversi ittri bonarji u anke ittra uffiċjali sabiex jiddesistu, fl-aħħar jiem ittella' vjeġġ ġmielu bricks fuq il-bejt sabiex jibdew ix-xogħlijiet fuq in-naħa ta' l-intimat Cassar, b'mod illi tali xogħlijiet ser jibdew imminentement;*

*Jingħad umilment illi għaldaqstant il-ħruġ ta' dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, illi l-jeddijiet tar-rikorrenti jirriżultaw prima facie mill-premessi esposti, u li jekk dan il-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jista' jinħoloq għar-rikorrenti jista' ma jkunx hemm rimedju għalih. L-esponenti jitolbu a tenur ta' l-artikolu 873 Kap.12 li l-ħruġ ta' dan il-mandat jiġi milqugħ fuq bażi proviżorja sakemm din l-Onorabbli Qorri jkollha l-opportunita' li tagħti smigħ lill-partijiet, u jitolbu inoltre li jiġi notifikat u eżegwit b'urġenza.*

*Illi l-esponenti se jigu preġudikati jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad.*

2. Rat illi fit-18 ta' Diċembru 2019, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni proviżorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimat b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għas-6 ta' Jannar 2020.

3. Rat illi fl-24 ta' Diċembru 2019, l-intimat Raymond Cassar irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi l-art fejn ser isir l-iżvilupp kienet oriġinarjament kollha proprjeta' ta' Carmela mart Michael Camilleri. Din l-art kienet art fabrikabbli u għalhekk hi iddeċidiet li taqsam l-art f'żewġ plots ta' 80 qasba kwadra kull waħda u*

*tikkonċedi saffi ossia kxaxen f'layers") tal-arjiet ta' din il-proprjeta' lit-tfal tagħha.*

*Hekk ġara illi:*

*i. kuntratt 26/03/1972 - atti Nutar Nicola Said hija kkonċediet footprint ta' 80 qasab kwadri lil bintha Emmanuela Camilleri illum Mallia pero' l-omm irriżervat l-arja tal-bjut tat-terran li bintha kienet bi ħsiebha tibni.*

*ii. appoġġ ma' Emmanuela hemm l-arja akkwistata minn Carmelo Camilleri li sar b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicola Said tat-30/10/1975 fejn l-omm ukoll ikkonċediet 80 qasab kwadri u irriżervat l-arja tat-terran li kien bi ħsiebu jibni Carmelo.*

*Mela fit-terran ("at ground floor level") hemm, fuq naħa Emmanuela Mallia u fuq n-naħa l-oħra Carmelo Camilleri.*

*iii. l-arjiet ta' dawn iż-żewġ terrani imbagħad ġew konċessi waħda lil bintha Catherine Camilleri illum Borg li akkwistat l-arja soprastanti l-proprjeta' akkwistata minn Emmanuela u lil bintha Grace Camilleri l-arja tat-terran mibni minn Carmelo. F'dawn iż-żewġ każijiet, l-arja in kwistjoni ġiet deskritta bħala li fiha kejl ta' 51 qasab kwadri liema 51 qasab kwadri jikkomprendu spazju rettangolari fejn hemm il-bini pero' ma jinkludix il-ġnien ta' wara.*

*Mela fl-ewwel sular ("at first floor level") hemm Catherine Borg u Grace Camilleri (ir-rikorrenti Sacco jidher li xtraw mingħandha).*

*iv. kuntratt tan-Nutar Nicola Said 26/05/1978 fejn Carmela tat il-proprjeta' soprastanti l-arja akkwistata minn Catherine lil binha Anthony. Anthony żviluppa l-appartament appoġġanti l-proprjeta' tal-esponenti.*

*v. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicola Said, 17/05/1980 fejn l-omm ikkonċediet b'enfitewsi perpetwu lil bintha Rita Camilleri li dak iż-żmien kienet xebba u sussegwentement iżżewġet ma' Raymond Cassar, l-arja tal-proprjeta' żviluppata minn Grace Camilleri ta' kejl superfiċjali ta' 223.89 (ekwivalenti għal 51 qasab kwadri). Sussegwentement għall-kuntratt tal-1980, Rita Camilleri bniet l-appartament tagħha u washroom fuq l-istess appartament.*

*Mela fit-tieni sular ("at second floor level") hemm Anthony Camilleri u Rita Cassar, illum mejta u intirtet mill-esponenti Raymond Cassar.*

*Illi għalhekk il-blokk jikkonsisti fuq naħa waħda*

*ground-floor maisonette ta' Emmanuela Mallia nee' Camilleri*
*first-floor apartment ta' Catherine Borg nee Camilleri,*
*second-floor apartment and airspace: Anthony Camilleri*

*Fuq in-naħa l-oħra*

*ground-floor maisonette ta' Carmelo Camilleri,*

*first-floor apartment ta' Nazzareno Sacco (suċċessuri fit-titolu ta' Grace Camilleri),*
*Second-floor apartment and airspace ta' Ray Cassar armel ta' Rita Cassar nee' Camilleri.*

*Illi l-esponenti issa għandu il-permess biex jiżviluppa l-arja tiegħu ta' 223m*$^2$ *(ekwivalenti għal 51 qasab kwadri) u qiegħed appik jibda l-bini tant li ġew konsenjati l-bricks li jinstabu fuq l-bejt tiegħu.*

*Stabbiliti l-imsemmija fatti fil-qosor l-esponenti jtenni li l-mandat għandu jiġi miċħud billi:*

*1. Fil-konfront tal-esponenti, Emmanuela Camilleri m'għandhiex interess ġuridiku stante li l-iżvilupp li jrid jagħmel l-esponenti bl-ebda mod ma jaffettwaha. Hija għandha entrata indipendenti f'terran sottopost għal-blokk adjaċenti.*

*2. Carmelo Camilleri wkoll m'għandux interess ġuridiku stante illi, għalkemm it-terran tiegħu huwa sottopost il-propjeta' tal-esponenti, huwa ma għandu ebda sehem fil-partijiet komuni fil-blokk ta' appartamenti.*

*3. L-arja de quo hija arja tal-esponenti u għandu kull dritt jiżviluppaha (Art 320 tal-Kap 16).*

*4. L-esponenti huwa sid arja ta' 223m*$^2$ *ekwivalenti għal 50 qasba kwadra - kejl identiku li għandhom l-appartamenti ta' taħtu, u għalhekk huwa għandu l-istess drittijiet bħal ma għandhom l-appartamenti ta' taħtu stante li d-diċitura u kliem użat tal-kuntratti huwa identiku.*

*Ir-rikorrenti Borg u Sacco għandhom l-istess drittijiet tal-esponenti u jekk huma jargumentaw li l-esponenti ma jistgħax juża' l-partijiet komuni tal-appartamenti, li ma jistax jinstalla arloġġi tal-elettriku jew ilma jew jgħaddi katusi jew servizzi jew li jagħmel bibien jew twieqi jew jagħmel is-sular addizzjonali, dan l-istess argument japplika wkoll kontra tagħhom u għalhekk ikun ifisser li huma wkoll ma setgħux jibnu l-proprjeta' tagħhom fl-ewwel lok.*

*Huwa evidenti illi meta l-omm ikkonċediet il-kxaxen ("layers") tal-arja ("airspace") fuq is-sit in kwistjoni, kien ċar li din kienet l-intenzjoni li l-proprjeta' tiġi żviluppata f'saffi ("layers") u li kulħadd (ħlief dawk ta' taħt nett ("at groundfloor") li għandhom entrata separata) ikollu d-dritt li jutilizza l-partijiet komuni.*

*5. Illi sa minn meta l-omm bdiet tikkonċedi l-arjiet lil wliedha qatt ma kien hemm problemi dwar l-entrata u taraġ interni etc tal-blokk ta' appartamenti kif wkoll s-sistemi essenzjali bħala ma huma sistemi ta' drenaġġ, komunikazzjoni u servizzi tad-dawl u tal-ilma.*

*Il-problema qed titqajjem issa għaliex inbidel il-pjan regolatur u hemm lok ta' sular/sulari oħra ovvjament għal min jippossjedi l-arja.*

*Wieħed jissuspetta li din m'hi xejn ħlief għira u stante li ma issemma' ebda tħassib dwar il-propjeta' jew l-istruttura.*

*6. Dwar il-lift, l-esponent jissottometti li stante li hemm opposizzjoni l-esponenti jiddikjara li fil-mument ma għandu ebda intenzjoni li jistalla lift. Pero' jekk il-quddiem jbiddel fehmtu huwa ser jimxi skont kif trid il-liġi u l-Att tal-Kondominja, skont l-każ.*

*8.* **(sic)** *Illi r-rikorrenti ukoll ma għandhom ebda jedd jindaħlu minn jiġi u jmur għand l-esponent u fil-propjeta' tiegħu stante li huwa għandu dritt jġib lil min irid fil-propjeta' tiegħu. Wieħed ifakkar li apparti l-arja imsemmija, l-esponenti huwa wkoll is-sid ta' appartament fl-istess blokka li wiret mingħand martu.*

*9. Fl-imsemmija kuntratti kien ċar u manifest li l-arjiet jiġu żviluppati u li jinbnew fuq xulxin. Fil-każ tal-esponenti (kontrarjament għall-każ tal-appartamenti sottostanti) ma hemm l-ebda divjit li jżomm lill-esponenti milli jiżviluppa l-arja tiegħu tant li mill-bidu nett inbniet washroom u l-esponenti jrid jkompli bil-binja tal-arja sħiħa skont il-permess.*

*10. Illi hi ukoll il-liġi li mandat ta' inibizzjoni ma għandux jintlaqa' jekk dak ix-xogħol li jkun ser isir ma jikkrejax preġudizzju irriversibbli lir-rikorrent. Qed jiġi sottomess ukoll li xejn minn dak li applika għalih l-esponent ma huwa irriversibbli.*

*11. Ukoll ir-rikorrenti iridu jippruvaw li huma għandhom dritt prima facie li jista' jiġi leż b'mod irreparabbli bix-xogħolijiet proposti. Issa fil-każ in eżami huwa ċar u manifest li fil-livell ta' eżami mistenni minn din l-Onorabbili Qorti fil-każ ta' talba għal ħruġ ta' mandat kawtelatorju, ma jissussistix id-dritt tar-rikorrenti fit-livell ta' prima facie u wkoll ma jirriżultax li l-iżvilupp propost mill-esponent joħloq preġudizzju li hu irreparabbli u li ma jistax jitreġġa' lura.*

*Għalhekk ebda wieħed mill-elementi rikjesti għal ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma jissussisti. Ara f'dan is-sens Mugliette Charles v Bonnici Saviour (PA 25/01/2005 per Onor. Imħallef Joseph Micallef) u Awtorita' tad-Djar v Rainer Xuereb et (PA Inib Nru 1202/17 deċiż 31/08/2017 per Onor. Imħallef Lawrence Mintoff). F'din l-aħħar kawża il-Qorti ma qisitx il-fatt li persuna kienet qed tirreċinta art li mhux tagħha kien jikkostitwixxi ħsara irreversibbli u dan għas-sempliċi raġuni li bini dejjem jista' jerġa' jitneħħa.*

*Daqstant l-esponenti jissottometti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti*

4. Rat illi fit-23 ta' Diċembru 2019, l-intimat Anthony Camilleri irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   *Illi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti għandha tiġi miċħuda stante u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*It-talba hija vessatorja stante li l-intimat lanqas biss għandu permess ta' l-iżvilupp sabiex jibni l-arja proprjeta' tiegħu, u għaldaqstant wieħed ma jistax jifhem xi dritt r-rikorrenti qegħdin jippruvaw jikkawtelaw.*

*Il-fatti tal-każ huma dawn:*

*Illi l-intimat huwa s-sid ta' l-arja sovrastanti il-proprjeta' tiegħu, liema proprjeta' hija formanti parti minn blokka ta' appartamenti. Illi fir-rikors tagħhom l-istess rikorrenti jikkonfermaw illi meta l-intimat ingħata il-proprjeta' ta' l-arja, ma kien hemm l-ebda limitazzjoni tat-titolu ta' l-arja. Dan ifisser illi l-arja hija proprjeta ta' l-intimat u l-ebda persuna m'għandha dritt ta' proprjeta' fuq din l-arja. Ir-raġunament tar-rikorrent dwar kif l-intimat ma jistax jivvanta dritt li jibni sulari addizzjonali imorru kontra kull prinċipju legali għaliex huwa ċar fil-liġi illi jekk ma jkunx hemm restrizzjoni fit-titolu fil-kuntratt, l-arja hija inkluża u ċertament mhux eskluża.*

*Illi oltre minn dan r-rikorrenti jeħtieġ li jippruvaw l-interess leġittimu tagħhom fuq din l-arja għaliex huwa ċar, mill-akkwist tagħhom, illi ħadd minnhom m' għandu l-ebda dritt fuq il-proprjeta' ta' l-arja.*

*Illi tali arja hija aċċessibbli minn entrata u tromba tat-taraġ li tintuża mis-sidien l-oħra ta' l-appartamenti. Illi huwa għaldaqstant ċar illi l-intimat għandu d-dritt li juża tali entrata u tromba tat-taraġ kemm għall-appartament tiegħu kif ukoll għal kull appartament addizzjonali illi huwa ser jiżviluppa fil-futur (dejjem jekk dan ikun il-każ).*

*Illi l-istess jingħad għal dak li jirrigwardja l-aperturi u installazzjoni ta' servizzi oħra. L-intimat jiddikjara minn issa li huwa ser jimplimenta biss dak li huwa intitolat bill- Liġi li jagħmel. Dak li ma jistax jagħmel mhux ser jagħmlu. Illi dan ukoll tenut kont tal-provvedimenti tal- Kap. 398 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa għaldaqstant ċar illi r-rikorrenti m' għandhom l-ebda dritt x' jissalvagwardjaw '.*

*L-artikolu 873 tal-Kap 12 jsemmi li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għal persuna li qed titlob il-mandat. Il-mandat irid:*

*• Ikun meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti u*
*• Li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

*Illi l-iskop ta' proċedura odjerna hija li l-Qorti twaqqaf xi ħaġa milli ssir li tista' toħloq preġudizzju għad-dritt tar-rikorrent. Iżda l-ewwel ħaġa li jrid jiġi stabbilit huwa xi drittijiet għandha ir-rikorrenti f'dan il-każ, anke jekk fuq bażi ta' prima facie.*

*Illi l-element tad-dritt rikjest sabiex jiġi spedit Mandat ta' Inibizzjoni huwa deskritt hekk:*

(a) *Illi jkun jidher "prima facie" li min jitlob il-ħruġ tal-mandat għandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara jew molestja;*

(b) *Id-dritt huwa neċessarju biex jiġi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliċiment biex jiġu evitati danni, li jistgħu dejjem jiġu kwantifikati u rimedjati b'azzjoni ad hoc*

*Dawn il-kondizzjonijiet huma kumulattivi.*

*Kif qalet l-Qorti fir-rikors Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe (rik nru 3135/94) : għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġpi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara pero' li jikkawża ħsara li m'hemm alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata."*

*Illi fid-digriet tagħha tal-25 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet Charles Mugliette vs Saviour Bonnici per JRM Prim Awla: Il-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali, ta' provvediment* legali. *Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.*

*Illi għalhekk, l-intimati umilment jissottomettu illi mhux biss li r-rikorrenti m' għandhom l-ebda dritt x' jikkawtelaw, iżda ċertament illi l-ebda preġudizzju irrimedjabbli m'hu ser jiġi ikkaġunat stante li r-rikorrenti dejjem jekk għandhom xi dritt, jistgħu iressqu talba għad-danni fil-konfront ta' l-intimat jew azzjoni possessorja jew vendicatoria oħra spettanti lilhom.*

*Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.*

5. Rat in-nota b'ritratti eżebiti minn Raymond Cassar fis-27 ta' Diċembru 2019.

6. Rat illi fis-6 ta' Jannar 2020, l-abbli difensuri tal-partijiet ressqu s-sottomissjonijet finali tagħhom u wara il-Mandat ġie differit għad-deċiżjoni finali għal-lum.

**Konsiderazzjonjiet legali**

3. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

4. Jirriżulta wkoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

5. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

*Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax*

*talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta'inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* ***Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici*** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew</u>*

*taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din." Ara* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti****, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti ghall-hruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti ghandha tiċhad it-talba ghall-hruġ tal-Mandat.*

**Fatti**

6. Jirriżulta illi l-art li fuqha inbdew l-appartamenti tal-partijiet kollha kienet propjetà ta' Carmela Camilleri, omm l-ahwa Camilleri, illi eventwalment hadet hsieb illi is-sitt ahwa jgawdu minn tali propjeta'.

7. Di fatti, jirriżulta, di fatti, illi Carmela Camilleri ghamlet is-segwenti konċessjonijiet fuq din l-art b'titolu ta' Enfitewżi Perpetwu.

    a. b'kuntratt tas-26 ta' Marzu 1972 ikkonċediet 80 qasab kwadri lil bintha Emmanuela Camilleri llum Mallia pero' żammet l-arja tal-bejt tat-terran.

    b. B'kuntratt tat-30 ta' Ottubru 1975 ikkonċediet 80 qasab kwadri lil binha Carmelo Camilleri però żammet l-arja tal-bejt tat-terran.

    c. B'kuntratt tad-9 ta' Marzu 1977, ikkonċediet lil bintha Catherine Camilleri l-arja kollha fuq it-terran ta' Emanuela Camilleri, tal-kejl ta' 51 qasba, però żammet l-arja tal-bejt tat-terran.

    d. B'kuntratt tad-9 ta' Marzu 1977, ikkonċediet lil bintha Grace Camilleri l-arja kollha fuq it-terran ta' Carmelo Camilleri, tal-kejl ta' 51 qasba, però żammet l-arja tal-bejt tat-terran.

    e. B'kuntratt tas-26 ta' Mejju 1978, ikkonċediet lil binha Anthony Camilleri l-arja kollha fuq il-flat fl-ewwel sular ta' Catherine Borg ġia' Camilleri.

    f. B'kuntratt tas-17 ta' Mejju 1980, ikkonċediet lil bintha Rita Camilleri sussegwentement Cassar, wara li żżewġet lill-intimat Raymond Cassar.

8. Jirriżulta, ghalhekk, illi Carmela Camilleri, omm l-ahwa Camilleri, ttrasferiet il-propjeta' taghha lis-sitt ahwa.

9. Ma jirriżultax illi minn dakinhar sas-sena 2019 kien hemm xi kwistjonijiet legali dwar propjetà bejniethom.

10. Jirriżulta illi fis-6 ta' Marzu 2019, l-intimat Raymond Cassar applika sabiex jibni l-arja illi għandu fuq il-flat tiegħu fit-tieni sular, liema permess sussegwentement inħariġlu.

11. Jirriżulta illi fit-22 ta' Awissu 2019 ir-rikorrenti ippreżentaw Ittra Uffiċjali kontra l-intimati "*sabiex tiddesistu milli twettqu kwalunkwe xogħol fil-blokka fuq imsemmija saħansitra fuq l-arja tal-appartament/i tagħkom, u dan stante li fost oħrajn il-komun jappartjeni lil uħud mill-mittenti u intom ma għandkom ebda dritt ta' testendi, la tużaw, la taljenaw u wisq iżjed tagħtu d-dritt tal-komun lil terzi, kif ukoll ma għandhom ebda dritt tiftħu twieqi ġodda fuq btieħi li huma propjetà ta' wħud mill-mittenti*"

12. Jirriżulta illi, permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjerna, r-rikorrenti kkontendew ukoll, apparti dak fuq ġia' imsemmi, illi l-arja fuq il-propjetajiet ta' l-intimati ma kinetx tagħhom u għalhekk ma setgħux jibnu fuqha.

13. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat Raymond Cassar, raġel ta' waħda mill-aħwa Camilleri, ossija Rita, ġia' ottjena permess u ġab il-materjal sabiex jibda x-xogħol li tiegħu ingħata permess, liema materjal wassal sabiex r-rikorrenti jintavolaw il-Mandat ta' Inibizzjoni odjerna.

14. Jirriżulta illi tali azzjoni hija unikament riżultat tad-deċiżjoni ta' Raymond Cassar illi jiżviluppa l-bejt tiegħu abbażi tar-regolamenti tal-bini illi kienu ġew riveduti fuq bażi nazzjonali fejn l-iżvilupp tal-bejt tiegħu kien issa sar possibbli.

15. Mill-assjem tal-provi kif prodotti, ma jirriżultax, fuq bażi *prima facie*, illi r-rikorrenti ser ikollhom id-drittijiet tagħhom, jekk ippruvati, irrimedjabbilment preġudikati f'każ illi l-intimati, jew min minnhom, jgħaddu biex jiżviluppaw l-arja fuq il-propjeta' tagħhom stess, u dana stante illi l-pretensjonijet tar-rikorrenti huma bbażati fuq asserzjonijiet u konklużjonijiet tagħhom li għad irid jiġu ppruvati u li ma jirriżultawx *prima facie*.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi,

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-18 ta' Diċembru 2019 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt.

**Tirrevoka** contario imperio, id-digriet tagħha tat-18 ta' Diċembru 2019.

**Spejjeż** kollha jkunu a karigu ta' r-rikorrenti in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**